MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1877/1995/1

**Carmel *sive* Charles u Veronica konjugi Debono ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Christian Debono**

**vs**

**Carmel *sive* Charles Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-13 ta' Novembru, 1995 li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-22 ta' Settembru 1994, fi Triq Gandhi, Fgura safa mtajjar iben l-atturi l-minuri Christian Debono mill-vettura tal-marka Marina Van bin-numru tar-registrazzjoni D-6271 misjuga mill-konvenut;

Premess illi b'rizultat ta’ l-incident stradali msemmi l-minuri Christian Debono sofra danni konsistenti f'lezjonijiet personali ta’ natura gravi u permanenti hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-incident awtomobilistiku ilmentat sehh b'tort uniku tal-konvenut, stante li b'imperizja, b'imprudenza, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku l-konvenut naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jevita milli jolqot lill-imsemmi minuri;

Premess illi ghalkemm l-atturi *nomine* sejhu diversi drabi lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-eventwali hlas tad-danni kollha sofferti minn binhom minuri, dan baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-incident stradali li sehh fit-22 ta' Settembru 1994 fi Triq Mahatma Gandhi, Fgura li fih kien involut iben l-atturi l-minuri Christian Debono, sehh b'tort uniku tal-konvenut, mil-liema incident l-imsemmi minuri sofra danni konsistenti f'debilita permanenti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-minuri Christian Debono b'rizultat ta' l-incident ilmentat u dan anke permezz ta' periti nominati ghal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-kaz; u

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Settembru 1995 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata fil-25 ta’ Gunju, 1996 u li permezz taghha eccepixxa:-

1) Illi t-talbiet tal-atturi *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-incident in kwistjoni ma sehhx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda gara tort kompletament indipendenti mill-konvenut kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

2) Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet tal-10 ta' Gunju, 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert legali Dr. Peter Fenech sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Marzu, 1999 li permezz tieghu gie nominat Dr. Anthony Galea Debono bhala espert mediku fil-kawza;

Rat ir-rapporti ta' l-esperti relaturi li jinsabu a fol. 230 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat l-affidivats u d-dokumenti pprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Rat id-digriet tal-15 ta' Ottubru, 2003 li bih gew nominati bhala esperti medici addizzjonali Dr. Josianne Aquilina, Dr. Victoria Mifsud u Dr. Norbert Vella;

Rat id-digriet tal-25 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu l-espert addizzjonali Dr. Victoria Mifsud giet sostitwita minn Dr. Joe Cassar fl-inkarigu lilha moghti;

Rat ir-relazzjoni tal-esperti addizzjonali nominati li jinsab a fol. 304 *et sequitur* tal-process u li gie minnhom debitament mahluf;

Rat ir-risposti maghmula mill-esperti addizzjonali (fol. 339) ghad-domandi bil-miktub tal-konvenut;

Semghet lill-avukati difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kaz prezenti jitratta minn incident stradali li sehh fit-22 ta' Settembru, 1994 fi Triq Mahatma Gandhi gewwa l-Fgura u li fih gie investit it-tifel minuri Christian Debono minn karozza Morris Marina estate, numru ta' registrazzjoni D-6271 misjuqa mill-konvenut;

F'kazijiet ta' din ix-xorta l-kompitu tal-Qorti huwa essenzjalment dak tar-ricerka u tal-verifika tar-responsabilita` ghas-sinistru, ben attiz illi, kif ritenut, "il-kwestjoni tar-responsabilita` f'incidenti stradali wisq rarament tista' tigi rizoluta semplicement bl-applikazzjoni ta' regoli *a priori*. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida, izda kull kaz jiddifferixxi minn iehor u jrid jigi rizolut in bazi ghall-fattispeci u c-cirkustanzi partikulari tieghu" ("**Salvatore Bongailas -vs- Joseph Mercieca**", Appell Civili, 20 ta' Jannar, 1967);

Mir-riljevi objettivi ermersi mill-provi processwali jirrizulta li:-

(1) It-triq fejn sehh l-incident hi wiesgha u dritta u l-art kienet xotta u asfaltata. Fil-genb kien hemm zewg vetturi ipparkjati qrib il-bankina quddiem Block C4 tal-Housing Estate tal-Fgura. Ara relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina fl-inkjesta tal-Magistrat inkwirenti (fol. 65);

(2) Skond il-versjoni tal-konvenut, waqt li kien qed isuq huwa lemah tifel mill-genb ta' ghajnejh hiereg jigri minn go grada ta' fond fuq ix-xellug tieghu u applika l-*brakes*. Huwa qal li minhabba vettura pparkjata lit-tifel ma setax jarah aktar. Xorta wahda, pero`, kompla japplika l-*brakes* izda t-tifel hariglu minn quddiem il-vettura pparkajata u laqtu. Il-konvenut jghid li f'dak il-mument kien ghaddej isuq bejn 20 u 30 mil fis-siegha u halla *brakemarks* tul ta' tlettax punt erbgha metri (13.4m). Ara Affidavit tal-konvenut a fol. 30;

(3) Fl-Affidavit taghha a fol. 34 l-attrici Veronica Debono, omm il-minuri, tghid li hi kienet fl-appartament taghmel il-faccendi filwaqt li uliehda kienu qed jieklu fil-kcina. Il-flat kien imsakkar u hekk ukoll il-grada ta' barra. Hi tghid ukoll li semghet it-tpaqpiq tal-van tal-gelati u ftit wara *brake* qawwi ta' karozza. In kontro-ezami (fol. 177) tghid li l-grada kienet maghluqa, mhux imsakkra u kwantu ghal bieb tal-veranda dan kien imsakkar, biss ic-cavetta tieghu kienet fil-bieb. Jinghad ukoll minnha illi uliedha gieli hargu minn gol-veranda ghal barra t-triq. Hekk ukoll ghamlu f'jum l-incident fejn safa investit binha z-zghir ta' sentejn;

(4) George Caruana, il-bejjiegh tal-gelati, iddikjara illi hu kien qed ibiegh lill-klijenti, fosthom lil hut il-minuri, sema' hoss u meta hares, ra lill-minuri ma' l-art daqs tul ta' zewg karozzi boghod mill-vettura li tajritu. Ara xhieda tieghu quddiem l-espert tat-traffiku fl-Inkjesta Magisterjali (fol. 85);

Fermi dawn il-fatti ta' sustanza, jirrizulta mill-perizja ta' l-espert legali Dottor Peter Fenech (fol. 230) illi l-kawza determinanti ta' l-incident hi attribwibbli ghal zewg fatturi, ossija:

(1) il-kondotta negattiva fis-sewqan tal-konvenut;

(2) il-hrug improvviz tat-tifel minuri fit-triq transitata mill-konvenut;

B'introduzzjoni generali jinghad fis-sentenza "**Bongailas – vs- Mercieca**" aktar 'il fuq citata, trattasi ta' investiment ta' *pedestrian*, illi "filwaqt li *pedestrian* ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjoni ta' perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-*drivers* ta' karrozzi, li huma magni ta' potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b'mod illi ma jkunux ta' perikolu jew dannu ghall-*pedestrians* li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-triq";

Premess dan, l-incident hu mill-perit legali imputat lill-konvenut in forza ta' dak il-kriterju oggettiv derivanti mill-kondotta imprudenti tieghu fis-sewqan. Fil-fehma tieghu l-konvenut kien, precedentement ghall-investiment minnu tal-minuri, ghaddej isuq bi *speed* eccedenti t-30 mil fis-siegha. Huwa jirrikostruwixxi dan mill-impronta tal-*brakemarks*, it-*thinking distance*, u t-tul tad-distanza fejn spicca t-tifel wara li ttajjar. Komplessivament, fil-gudizzju ta' l-espert legali, dak is-sewqan b'velocita`, u tenut qies ukoll ghas-sitwazzjoni ambjentali tal-lokalita`, ma kkonsentilux jikkontrolla adegwatament il-vettura jew li jadotta manuvra evasiva. Il-Qorti tikkonkorda ma' dan in kwantu sewqan b'dik il-velocita` certament jikkostitwixxi elementi kawzali fil-holqien tad-dannu. L-obbligu impost fuq kull sewwieq hu dak li jiehu mizuri ta' prekawzjoni. Dan f'korrelazzjoni ma' dak tal-prevedibilita` ta' l-event minn persuna ta' akkortezza medja. Ma jistax jinghad li kien ghal kollox imprevedibbli ghall-konvenut, trattasi imbaghad minn minuri ta' sentejn li f'dik l-eta` jkun priv minn riflessi adegwati u nieqes mill-attenzjoni dovuta, illi dan kien ser jitraversa t-triq. Ukoll, la, kif mistqarr, huwa kien innota l-presenza tal-minuri hiereg mill-grada, lanqas ma jista' ragonevolment jinghad illi dak il-minuri kien ghalih ostakolu improvviz u inevitabbli. It-tentattiv mill-konvenut ta' l-arrest tal-vejikolu bl-applikazzjoni bruska, izda inutili, tal-*brakes* minn qabel ma' l-minuri fegg minn wara l-karrozza pparkjata tispjega, anke fuq l-istregwa tal-principji enuncjati fis-sentenza succitata, illi l-hrug tal-minuri fit-triq ma kienx il-fattur kawzali esklussiv ta' l-incident. Konkorrenti ma' dan kien hemm ukoll il-kondotta

imprudenti tieghu fis-sewqan. Pacifika fil-kuntest il-gurisprudenza li tirritjeni illi "i*speed* eccessiv jinnewtralizza dak il-*margin of safety* tant necessarju ghal kull emergenza li tista' tinqala" ("**Il-Pulizija –vs- Gaetano Fabri**", Appell Kriminali, 15 ta' Settembru, 1962);

Jinghad mill-**Franzoni** ("**Le obbligazioni da fatto illecito**" Ed. Utet 2004, pagna 355) illi "*in caso di investimento di un pedone, la prova liberatoria per il conducente è molto severa: egli si libera da responsabilita` soltanto se dimostra che non vi era alcuna possibilita` di prevenire l'evento, situazione questa ricorrente allorche il pedone tenga una condotta imprevedibile e anormale, sicche l'automobilista si trova nell'oggettiva impossibilita` di avvistarlo e comunque di osservarne tempestivamente i movimenti. Tale situazione si verifica, ad esempio quando il pedone appare all'improvvisio sulla traiettoria del veicolo che procede regolarmente sulla strada, rispettando tutte le norme della circolazione stradale e quelle di comune prudenza e diligenza incidenti con nesso di causalita` sul sinistro*". F' wahda minn noti marginali l-awtur jaghti b'ezemplari sunt mis-sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (**23 ta' Awissu, 1997, numru 7922**) li hekk jipprovdi: "*nella specie, essendo stato accertato: (a) la corretta e prudenziale condotta di guida dell'investitore con particolare riferimento alla velocita` del mezzo, giudicata moderata e adeguata alla situazione dei luoghi; (b) l'essere il pedone repentinamente fuoriuscito da un portone che dava direttamente sulla strada, proprio mentre stava sopraggiungendo dalla sua sinistra il veicolo; (c) l'impossibilita` per il conducente di effettuare altre manovre di emergenza, se non il tentativo dell'inutile brusca frenata – correttemente è stata esclusa dal giudice 'a quo' la responsabilita del guidatore alla stregua dei principi sopra enunciati in relazione al disposto dell'art. 2054, prima coma, codice civile*";

Fil-kaz in ispecje gja gie muri illi l-punt (a) fis-sentenza predetta ma jissussistix in kwantu l-mod tas-sewqan tal-

konvenut ma kienx jikkwalifika bhala moderat u fil-limiti tal-velocita` konsentita. Fic-cirkustanzi, id-difiza liberatorja vantata minnu ma setghetx isservi biex tinterrompi n-ness kawzali bejn is-sewqan tieghu u l-akkadut. Huwa ma jistax jippretendi illi ghamel dak kollu possibbli biex jevita d-dannu ghax dan ma giex prodott indipendentement mill-kondotta negattiva fis-sewqan tieghu u hu ma pprovawx illi l-kolpa esklusiva kienet tat-tifel;

Maghdud dan, ma jfisserx, imbaghad, li ma kienx hemm ukoll, in bazi ghall-fatti verifikati l-konkorrenza tal-htija fl-atturi, genituri tal-minuri. Avut rigward ta' l-eta` tenera tal-minuri f'akkoppjament ma' l-indoli generali tat-tfal ta' dik l-eta`, hi l-fehma radikata ta' din il-Qorti illi l-atturi, u in partikulari l-omm affidatarja tieghu f'dak il-mument, ma ezercitawx dik il-vigilanza adegwata fl-indokrar tal-minuri. Dan aktar u aktar meta, *ex admissis*, l-attrici Veronica Debono kienet semghet it-tpaqpiq tal-van tal-gelati u kienet ukoll gja konsapevoli illi t-tfal minuri kienu jaqbdu u johorgu barra. Meta dan kienet tafu, kien aspettat li jkun hemm minnha t-tehid ta' prekawzjonijiet u ta' kontroll fi grad oghla. F'dan il-kaz, kif gustament osserva l-perit legali, dawn "ma ttiehdux bizzejjed";

Kwantu ghall-ispartizzjoni tad-dannu hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili fl-Artikolu 1051 illi meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggjat hu dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab. Kif espress fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, in re: "**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**", 20 ta' Jannar, 1964, "kollox jiddependi mic-cirkustanzi tal-kaz";

F'dan il-kaz il-perit legali rrakkomanda illi l-htija ghandha tkun apporzjonata fil-percentwali ta' sebghin fil-mija (70%) ghall-konvenut u tletin fil-mija (30%) ghall-atturi. Huwa, pero`, ma jispjegax kif wasal ghal din l-ispartizzjoni. Bir-

rispett dovut, fic-cirkustanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma tarax illi din l-ispartizzjoni hi wahda gusta. Konxja minn dak li nghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Edward George Arrigo *et nomine* –vs- Paul Laferla**", Apapell Kummercjali, 16th May, 1960, illi "*assessing the degree of blame of each side is not a matter of adding up sins and assessing culpability by a kind of arithmetical process*", fil-fattispeci, il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi l-fatturi kawzali li taw lok ghas-sinistru huma addebitabbli daqsinsew lill-kontendenti. Jekk minn naha, il-konvenut ma uniformax ruhu pjenament ghar-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fis-sewqan tieghu, il-komportament tal-minuri, inkustodit, li invadielu l-korisja tieghu, ma kienx nieqes minn dik l-imprudenza, generatrici tad-dannu subit minnu. Ir-rizultanzi probatorji f'dan ir-rigward ghandhom iwasslu ghal htija f'egwal mizura. Ta' l-istess fehma kienet il-Qorti ta' l-Appell Civili fis-sentenza taghha tas-6 ta' April, 1992 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Bajada *et* –vs- Joseph Galea *et*"**, b'fattezzi konsimili hafna ghal kaz in ezami;

Stabbilit dan, l-atti juru illi skond l–ewwel perit mediku (ara relazzjoni tieghu a fol. 251) id-dizabilita totali tal-minuri hi ta' sebgha fil-mija (7%). Din hi komposta minn 2% biex tkopri kull eventwali attakki epilettici u 5% ghal problemi edukattivi korrelatati mal-*head injury* jekk ghal dawn l-istess problemi jigi koncess il-beneficcju tad-dubju favur it-tifel;

Meta wiehed imbaghad jezamina r-rapport tal-periti medici addizzjonali, li kkonkucew testijiet klinici pjuttost estensivi, isib li l-minuri inghata "*nil rating*" ghal dak li jirrigwarda dizabilita` newrologika u 5% ta' dizabilita psikjatrika in vista tal-konstatazzjonijiet ta' problemi konjittivi u ta' "*night terrors*". Anke hawn pero` l-istess periti relaturi ma naqsux milli jikkummentaw illi ghalkemm jezistu dawk il-problemi, "ma tista' ssir ebda konkluzjoni definittiva li dawn it-tnejn huma relatati ma' l-allegat incident, peress li t-tifel qatt ma gie ttestjat newropsikjatrikament qabel u kien ta' eta` zghira";

Naturalment, din il-Qorti mhix f'qaghda li tikkonfuta dawn ir-rizultanzi medici ghalkemm ma tistax ma tosservax illi bl-investiment tieghu l-minuri ma haregx illez u xi dannu sofra zgur. Billi jidher, fuq il-fehma taghha, illi l-percentwali li wasslu ghaliha l-periti addizzjonali hi, mod jew iehor, assorbita f'dik li wasal ghaliha l-ewwel perit mediku l-Qorti jidhrilha xieraq li tikkomputa l-kwantum tad-danni ghab-bazi tal-percentwali ta' sebgha fil-mija (7%);

Din il-Qorti taqbel mal-perit legali fl-adozzjoni minnu tal-*multiplier* ta' tletin (30) sena izda tvarja r-rata tal-kalkolu tal-paga minima nazzjonali ta' Lm49.88 fil-gimgha, applikata mill-istess perit in kwantu din illum telghet ghal figura ta' Lm57 fil-gimgha ghal persuni taht is-sbatax-il sena. Ara Avviz Legali Numru 429 ta' l-2007. Jekk ma' din is-somma wiehed jipprovdi ghall-*allowance* ta' hmistax fil-mija (15%) biex ikopri kull eventwali zieda fir-rata ta' l-inflazzjoni dan igib total ta' tliet elef erba' mija u tmien liri u sittin centezmu (Lm3408.60 – Lm57 x 52 x 15%). Meta moltiplikat dan l-ammont ghal 30 sena dan jaghti cifra ta' Lm102,258. Gjaladarba l-Qorti ghazlet li taccetta l-percentwali ta' dizabilita` ta' sebgha fil-mija (7%) l-ammont rizultanti hu dak ta' sebat elef mija u tmienja u hamsin lira u sitt centezmi (Lm7158.06). Konsiderat li l-incidenza tad-dannu sehhet erbatax-il sena ilu, u l-lum il-likwidazzjoni dovuta ma gietx effettivament determinata u mhallsa, mhux il-kaz li jsir is-solitu tnaqqis ta' 20% ghal *lump sum payment*. Ara f'dan is-sens is-sentenza "**Mark Caruana –vs- Grazio Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1993, li kellha segwitu f'bosta decizjonijiet posterjuri;

Mill-konsiderazzjoni fuq maghmula gie stabbilit illi z-zewg partijiet ikkonkorrew f'proporzjon indaqs fil-produzzjoni tad-dannu. Dan igib li l-ammont li l-konvenut ser jigi kkundannat ihallas ghandu jkun dak tan-nofs tas-somma fuq likwidata (Lm7158.06) ossija tliet elef hames mija disgha u sebghin lira u tliet centezmu (Lm3579.03).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba u b’hekk tiddikjara illi l-konvenut kien fi htija bin-nofs tat-tort ghall-incident stradali li sehh fit-22 ta’ Settembru, 1994 fi Triq Mahatma Gandhi, il-Fgura li b’rizultat tieghu l-minuri Christian Debono sofra danni. Tilqa’ konsegwentement, it-tieni u t-tielet domandi ta’ l-atturi billi tillikwida d-danni fl-ammont ta’ tliet elef hames mija disgha u sebghin lira u tliet centezmi (Lm3579.03), ossija tmient elef tliet mija u sitta u tletin euro u disghin centezmu (€8336.90), u tikkundanna lill-konvenut ihallas din l-istess somma lill-atturi in linea ta’ danni. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------